



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7629/24
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0195(COD)

CODEC 776
ENV 284
CLIMA 110
FORETS 84
AGRI 207
POLMAR 9

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Estonja

L-Estonja tappoġġa bil-qawwa l-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura. Aħna nqisu li l-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura hija waħda mill-aktar għodod importanti biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf perikoluż tal-bijodiversità fl-Ewropa u jiġi żgurat ambjent b'saħħtu, reżiljenti u sikur għalina u għat-tfal tagħna. In-natura bijodiversa hija l-aktar alleat b'saħħtu tagħna fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u fl-adattament għall-impatti tiegħu. Is-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-ikel, il-forestrija, il-forniment ta' servizzi vitali tal-ekosistema – dawn kollha jiddependu fuq in-natura u l-bijodiversità. Barra minn hekk, għandna responsabbiltajiet mhux biss lejn iċ-ċittadini tagħna u l-ġenerazzjonijiet futuri iżda wkoll lejn il-komunità globali. Ir-Regolament iservi bilanċ tajjeb bejn il-miżuri meħtieġa li jindirizzaw il-ħtiġijiet urġenti u reali tal-ambjent naturali, u fl-istess ħin iqis l-isforzi u ċ-ċirkostanzi differenti fl-Istati Membri u jipprovdi l-flessibbiltajiet meħtieġa biex dawn jiġu indirizzati.

Dikjarazzjoni min-Netherlands

Il-Gvern tan-Netherlands jixtieq itenni li huwa jissottolinja l-importanza tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura u jappoġġa l-ambizzjoni ġenerali tiegħu. Nixtiequ niringrazzjaw lill-Presidenza Franċiża, Żvediża, Spanjola u Belġjana kif ukoll lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew għall-approċċ kostruttiv tagħhom fil-konklużjoni tar-Regolament. Nixtiequ nesprimu l-apprezzament tagħna lis-sħab kollha tal-UE li hađu t-tħassib tan-Netherlands bis-serjetà u ppruvaw isibu soluzzjonijiet biex jakkomodaw dawn l-isfidi matul in-negozjati.

Madankollu, il-Parlament Netherlandiż adotta b'maġġoranza vasta mozzjoni li titlob lill-Gvern jivvota kontra r-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura, meta titqies l-isfida sostanzjali biex jintlaħqu l-oġettivi attwali u futuri biex tiġi restawrata n-natura fil-kuntest ta' densità għolja tal-popolazzjoni u pressjoni għolja fuq l-użu tal-art ikkawżata minn asserzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali f'kompetizzjoni, u r-riskji relatati ta' konsegwenzi legali u ta' politika. L-għanijiet vinkolanti għall-2040 u l-2050 stabbiliti permezz tar-Regolament jintensifikaw l-isfidi għall-implimentazzjoni. Konsegwentement, il-Gvern tan-Netherlands ser jivvota kontra r-Regolament.

Meta r-Regolament jiġi adottat uffiċjalment u jkun daħal fis-seħħ, in-Netherlands huma impenjati li jimplimentaw ir-Regolament b'mod li jirnexxi. Għandna l-għan li nimplimentaw ir-Regolament b'tali mod li l-piż amministrattiv u r-rekwiżiti legali għal proġetti rilevanti għas-soċjetà jkunu limitati kemm jista' jkun u ser infittxu użu multifunzjonali tal-art u tar-riżorsi fil-qafas tar-Regolament. In-Netherlands jistennew b'interess li jżommu djalogu kontinwu mal-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiżguraw li r-Regolament jikkontribwixxi għar-restawr tal-ekosistemi għan-nies, il-klima u l-pjaneta.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma partijiet għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali tal-25 ta' Ġunju 1998 (il-"Konvenzjoni ta' Aarhus").

L-Istati Membri jinħtiġilhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku kkonċernat, li għandhom interess suffiċjenti jew li iżommu l-indeboliment ta' dritt f'konformità mad-dritt nazzjonali, ikollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja, jew korp indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi, biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr u kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, irrispettivament mir-rwol li l-membri tal-pubbliku kkonċernat kellhom matul il-proċess għat-tnejn u l-istabbiliment ta' tali pjanijiet nazzjonali ta' restawr. Dan għandu jikkonforma mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea relatata mal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali u b'rispett sħiħ tal-obbligi li l-Istati Membri impenjaw ruħhom għalihom bħala partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus¹.

¹ Ara wkoll il-Komunikazzjoni dwar "It-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali fl-UE u fl-Istati Membri tagħha" (COM(2020) 0643).